MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 274/2009

**Sandra Manche**

**vs**

**Mirage Holdings Limited (C - 6808)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-2 ta’ Lulju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex nonostante l-mandat ta’ qbid ezekuttiv mahrug f’isem is-socjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrenti li jgib in-numru 1841/09, din il-qorti:

1. Tordna r-rilaxx ta’ l-affarijiet u oggetti elenkati fl-imsemmi mandat stante li dawn ghadhom jifformaw parti mill-patrimonju tal-mejta Maria Giovanna

Manche, liema patrimonju ghad irid jigi maqsum bejn it-tfal taghha, fosthom ir-rikorrenti, minghajr il-garanzija li l-istess rikorrenti tiret dawn l-affarijiet u oggetti kollha;

2. Tordna li l-affarijiet elenkati fil-mandat ta' qbid jigu sostitwiti mill-oggetti elenkati f'Dok 'C';

Rat il-verbal tal-partijiet datat is-7 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu l-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jippruvaw jilhqu transazzjoni bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Manche thallas lis-socjeta` intimata l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro, (€1,500.00);

2. Illi l-oggetti mghoddija mis-socjeta` intimata fin-negozju originali ta' bejniethom jigu ritornati;

3. Illi l-kumplament jithallas fi zmien ragonevoli ratealment kif maqbul bejn il-partijiet;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Innotat illi nonostante l-perjodu pjuttost konsiderevoli, (bejn Awwissu 2009 sa Frar 2010), il-partijiet xorta wahda ma ikkristallizzawx il-ftehim li kienu qed jikkoltivaw;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata l-25 ta' Frar 2009, fl-ismijiet *Mirage Holdings Limited* vs Sandra Manche, is-socjeta` rikorrenti f'dawk l-atti, (izda intimata fil-procedura odjerna), talbet li jinhareg mandat ta' qbid ezekuttiv, (dak indikat fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza), li kien gie akkordat fit-22 ta' Gunju, 2009;

2. Illi fir-rikors in dizamina r-rikorrenti ssostni li meta l-imsemmi mandat ezekuttiv gie ezegwit, inqabdu oggetti li ma jappartjenux lir-rikorrenti esklussivament;

3. Illi ghalhekk r-rikorrenti qed titlob r-rilaxx tal-affarijiet hekk maqbuda;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament tirrileva li r-rikorrenti, ghalkemm issollevat il-vertenza odjerna wara kundanna esplicita fuq riferita u l-bidu ta' esekuzzjoni tal-istess wara li jidher li ma oltemperatx ruha mal-istess decizjoni, issa qed tipprova testendi l-inadempjenza taghha billi tadotta kull procedura li tista' tirrikorri ghaliha biex ma tesegwix dak li giet gudizjarjament ordnata li taghmel;

Illi nonostante dan jirrizulta li naqset tipprezenta provi oggettivi in sostenn tat-tezi minnha sollevata;

Illi di piu`, jirrizulta li annessa ma kopja tal-mandat esekuttiv de quo giet prodotta lista ta' l-oggetti li gew elevati mill-marixxall esekutant, (ara fol 36), li hi enumerata b'mod differenti minn dik tal-istess mandat u ghalhekk ma tappartjenix lill-istess mandat;
Illi in oltre, l-istess rikorrenti lanqas jirrizulta li ddeponiet f'din il-procedura in sostenn tat-talbiet taghha;

Ghaldaqstant din il-qorti, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Sandra Manche stante li ma gewx pruvati, u tikkundannha wkoll ghall-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------